MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 105/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Joseph Magro abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Joseph Magro [954846(M)]**

**Vs**

**Carmelo Portelli**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf u tmienja u tmenin lira Maltin u disgha w erbghin centezmu (Lm1,088.49c) rapprezentanti danni subiti b'rizultat ta' kollizjoni li sehhet fis-27 t'April, 2004 fis-7.15a.m fi Triq Santa Monika, Pieta' bejn il-vettura ta' Joseph Magro bin-numru ta'

registrazzjoni BAJ 204 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni IBC 509.
Ra li l-konvenut debitament notifikat ma pprezentax Risposta ghalkemm huwa dejjem deher ghas-seduti.

Sema' x-xhieda ta' PS 1212 Carmel Zerafa u tal-konvenut.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi dakinhar ta' l-incident il-konvenut kien qed isuq il-karozza IBC 509 tiela' t-telgha ta' Triq Santa Monika, Pieta' bl-intenzjoni li jmur lejn l-Isptar San Luqa.

Jirrizulta wkoll li kien hemm traffiku iehor quddiemu u li meta l-karozza ta' quddiemu waqfet il-konvenut inhasad u biex ma jahbatx fil-karozza ta' quddiemu gibed lejn il-genb bl-intenzjoni li jibqa' diehel gol-hajt izda minflok m'ghamel hekk baqa' diehel gol-karozza pparkjata ta' Joseph Magro.

Illi l-konvenut stenna ftit hemmhekk izda meta ma tfacca hadd baqa' sejjer. Aktar tard Joseph Magro nizel hdejn il-karozza tieghu u sab li kienet qalghat daqqa xi hadd infurmah bin-numru ta' registrazzjoni tal-karozza tal-konvenut u ghamel rapport l-ghassa. Il-pulizija traccaw is-sid tal-vettura u meta cemplu wiegbet omm il-konvenut li eventwalment wasslet ir-risposta lill-konvenut li mar jitkellem mal-pulizija u nfurmhom bl-incident kif sehh. Il-verzjoni li ta l-konvenut fix-xhieda quddiem dan it-Tribunal tikkombacja perfettament ma' dak li xehed is-surgent u li dak li gie rrapportat fl-okkorrenza relattiva.

Illi ghalhekk it-Tribunal m'ghandu l-ebda dubju ta' xejn biex jikkonkludi illi r-responsabbilta' unika ghall-kollizjoni hija mputabbli ghall-konvenut li kien qed isuq minghajr ma jzomm *a proper lookout* u minghajr ma jzomm distanza xierqawu opportuna sabiex ikun jista' jipprevedi ghall-eventwalitajiet li normalment isehhu fis-sewqan bhal per

ezempju meta tkun f'ringiela ta' karozzi u l-karozzi ta' quddiemek jieqfu.

Ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni, mid-dokumenti esebiti jirrizulta li dawn gew debitament kkorroborati kemm b'rizultat ta' survey report u anki bl-ircevuti esebiti. Minnhom jirrizulta illi l-ispejjez involuti huma tlett liri Maltin (Lm3) ghall-*police report*, *parts* tlett mija u sebgha u tletin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm337.28c), *labour* seba' mija u tlett liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm703.21c), *towing fees* hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) li maghhom wiehed irid izid is-*survey fees* u l-*loss of use* u ghalhekk it-talba kif dedotta tidher gustifikata.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni, jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' elf u tmienja u tmenin lira Maltin u disgha w erbghin centezmu (Lm1,088.49c) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------